14 ta' Diċembru, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D.**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Elena Cilia pr. et ne. *versus* Giuseppe Pisani et

**Soċjetà "in nome collettivo" — Assoċjazzjoni in Partiċipazzjoni — Isem Soċjali — Lokazzjoni — Kjamata fil-Kawża — Art. 130 u 166(2) tal-Kap. 17**

*Fis-soċjetà "in nome collettivo", l-isem soċjali jista' jinkludi biss, b'liġi, l-ismijiet tas-soċi attwali jew l-ismijiet tas-soċi ta' soċjetà dizzjolta taħt ċerti kondizzjonijiet; u għalhekk assoċjazzjoni li skond il-ftehim għandha ġġib isem soċjali divers ma setgħet qatt kienet soċjetà "in nome collettivo".*

*Fl-assoċjazzjoni in partiċipazzjoni, it-terzi għandhom dritt ta' azzjoni biss kontra l-assoċjat li jkun ittratta magħhom; salv ir-regress tiegħu kontra l-assoċjati l-oħra; għax l-assoċjazzjoni ma hix enti b'personalità ġuridika "a sè".*

*Għaldaqstant, jekk l-assoċjazzjoni in partiċipazzjoni ġiet xjolta u ġie nominat sekwestratarju ġudizzjarju, u l-assoċjat li kellu f'ismu l-kera tal-istabbiliment fejn l-assoċjazzjoni kienet teżerċita l-attività tagħha jikkonsenja ċ-ċwievet ta' dak l-istabbiliment lis-sekwestratarju ġudizzjarju bil-kera mħallas sa dak inhar, huwa jibqa' responsabbli għall-kera ulterjuri ta' dak il-fond di fronti għas-sid, u ma jistax jallega li mhux aktar tenut għal dak il-kera għax il-lokazzjoni ġiet terminata. U huwa biżżejjed għall-leġittimazzjoni passiva f'azzjoni li jintenta s-sid għall-ħlas tal-kera ulterjuri.*

*Jekk imbagħad is-sekwestratarju ġudizzjarju jkun ġie msejjaħ fil-kawża, ma hemmx lok li jiġi kundannat hu għall-ħlas ta' dak il-kera, għax il-funzjonijiet tiegħu huma dawk ta' depożitarju u amministratur tal-oġġetti lilu fdati in kustodja. Kieku ġie ċitat is-sekwestratarju ġudizzjarju biss, aktarx li ma kienx ikun hemm bżonn jiġu ċitati l-assoċjati, jew xi wieħed minnhom; imma la ġie

*ċitat l-assoċjat li kellu l-kera f'ismu, u ladarba dak l-assoċjat setà jiġi leġittimament ċitat, allura ma hemmx lok li jiġi kundannat is-sekwestratarju ġudizzjarju; molto pjù li sid l-istabbiliment għandu nteress u dritt li ma jillimitax id-drittijiet tiegħu u jirrestrinġi l-eżekuzzjoni tas-sentenza għall-flus u oġġetti biss li għandu f'idejh is-sekwestratarju ġudizzjarju, imma li jestendihom għal fuq dak l-assoċjat bir-responsabbiltà tiegħu personali.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attriċi, wara li ppremettiet li l-konvenut għandu jagħtiha s-somma ta' £125 għal ħames snin kera tal-maħżen numru 18 Cannon Road, Ħamrun, mill-iskadenza ta' Ottubru 1949 sa Ottubru 1954, talbet illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallasha £125 ta' ħames snin kera tal-maħżen numru 18 Cannon Road, Ħamrun, dovuti mix-xahar ta' Ottubru 1949, salv dejjem il-kera ulterjuri; u bl-imgħaxjiet legali. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Pisani, li ssottometta illi huwa ma għandu jagħti xejn lill-attriċi, billi huwa, żmien ilu, ikkonsenja ċ-ċwievet tal-maħżen lil Giuseppe Cilia u l-kera sal-konsenja taċ-ċwievet kien ġie debitament imħallas;

Rat id-digriet tal-Ewwel Qorti, li biħ ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat Dr. Giuseppe G. Gatt fil-kwalità tiegħu ta' sekwestratarju nominat fil-kawża "Pisani vs. Pitrè", deċiża minn dik il-Qorti fit-28 ta' Awissu 1951;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża, li biha ddikjara li jirrimetti ruħu għal dak li jirriżulta fil-kawża;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Mejju 1956, li biha lliberat lill-konvenut mit-talba tal-attriċi, u kkundannat lill-kjamat fil-kawża jħallas lill-attriċi s-somma mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-interessi legali, u l-ispejjeż tal-kawża kollha jitħallsu mill-istess kjamat fil-kawża; wara li kkunsidrat;

Li mill-provi jirriżulta illi t-talba tal- attriċi hija fondata; għaliex il-lokazzjoni ma ġietx terminata. Il-kera

dovut hu ta' ħames snin mill-ewwel ta' Lulju 1950, kif jirriżulta mid-dokumenti fuq riferiti, billi mid-dokument fil-fol. 8 jirriżulta li l-kera tħallas sal-ewwel ta' Lulju 1948, u mid-dokument fil-fol. 9 jirriżulta li fl-ewwel ta' Lulju 1949 tħallsu sentejn kera, u kwindi l-kera hu dovut mill-ewwel ta' Lulju 1950 sal-ewwel ta' Lulju 1955; u dana jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-konvenut (fol. 25); u li jirriżulta li dak il- kera hu dovut mis-sekwestratarju ġudizzjarju fuq imsemmi;

Rat, fol. 44, il-petizzjoni tal-kjamat in kawża Avukat Dr. Giuseppe G. Gatt nomine, li biha talab li s-sentenza fuq *imsemmija tiġi riformata fis-sens li d-domanda attriċi* tiġi akkolta għall-ammont ta' £106.5.0 biss, per saldu tal-kera tal-fond "de quo" mill-ewwel ta' Awwissu 1950 sal-31 ta' Ottubru 1954, u respinta għall-kumplament; u billi, kwantu għal-kap tal-ispejjeż, dawk tal-konvenut Pisani jiġu akkollati lill-attriċi, u dawk bejn l-attriċi u l-appellant (Dr. *Gatt nomine) "pro rata" tal-vittorja u sokkombenza; b'dan* li l-ispejjeż tat-tieni istanza għandhom jiġu kollha sopportati mill-attriċi;

*Omissis;*

Rat il-petizzjoni tal-attriċi, fol. 51, li biha talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata f'dik il-parti fejn ġie deċiż *li t-talba tal-appellanti hija* fondata għax il-lokazzjoni ma ġietx terminata, u billi tiġi revokata f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant Pisani u kkundannat lill-kjamat fil-kawża, billi inveċe tilqa' t-talba tagħha fil-konfront tal-konvenut appellat Pisani; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Trattati *ż-żewġ appelli;*

Ikkunsidrat;

L-eċċezzjoni ta' Pisani mogħtija in prima istanza, fol. 6, fis-sens li huwa mhux debitur tal-attriċi għaliex ikkonsenja ċ-ċwievet tal-maħżen lil Giuseppe (recte Antonio) Cilia u ħallas il-kera sa dak inhar, ma tidherx li għandha *bżonn tiġi aktar eżaminata f'din* l-istanza; għaliex dan il-konvenut, fiż-żewġ risposti tiegħu, talab il-konferma tas-sentenza appellata, u f'din ġie ritenut li l-kera hu dovut u

li l-lokazzjoni ma ġietx terminata; u ż-żewġ appellanti principali akketaw ruħhom fuq dan il-pont;

Kwantu għall-ammont tal-kera dovut;

L-ispoll tal-irċevuti juri dan li ġej:—

Skond l-irċevuta fol. 11...... b'mod li l-kera kif mitlub — Ottubru 1949 sa Ottubru 1954 — hu dovut; anzi hemm xahrejn ta' qabel ommessi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq il-kontestazzjoni ta' Pisani li ma hux tenut personalment;

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 1956 ġie verbalizzat li bejn Pisani u Pitrè kien hemm soċjetà "in nome collettivo". Din il-Qorti ma tifhemx kif setgħet saret din id-dikjarazzjoni; għaliex l-eżami tal-proċess "Pisani vs. Pitrè", definit fl-imsemmija sentenza, juri, "sola visione scripturarum", li kien hemm biss assoċjazzjoni, u xejn affattu soċjetà "in nome collettivo". Hekk sejħilha espressament Pisani fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni; hekk sejħilha l-konvenut Pitrè fl-eċċezzjonijiet tiegħu fol. 11 ta' dak il-proċess l-ieħor; u hekk ikkunsidratha u sejħitilha l-Qorti tal-Kummerċ fid-deċiżjoni preliminari tagħha, li kopja tagħha tinsab fil-fol. 20 ta' dak il-proċess; u hekk ġiet imsejħa matul il-proċeduri kollha definiti bis-sentenza fuq imsemmija tat-28 ta' Awissu 1951. Fl-iskrittura li saret bejn il-partijiet eżibita fol. 5 tal-inkartament jingħad li Pisani u Pitrè qegħdin jikkuntrattaw bejniethom "soċjetà kummerċjali". Iżda r-raġjon soċjali kellha tkun (ara l-ewwel kondizzjoni) "The Monk Candle Factory", u għalhekk żgur li qatt ma setgħet tkun soċjetà "in nome collettivo"; għaliex f'din l-ispeċi ta' soċjetà, b'liġi espressa, l-isem soċjali jista' jinkludi biss l-ismijiet tas-soċi attwali jew l-ismijiet tas-soċi ta' soċjetà dixxjolta taħt ċerti kondizzjonijiet (art. 130 Kap. 17 Ediz. Riv.);

Issa, fl-assoċjazzjoni in partiċipazzjoni, kif kienet din, it-terzi għandhom dritt ta' azzjoni biss kontra l-assoċjat li jkun ittratta magħhom, salv ir-regress tiegħu kontra l-assoċjati l-oħra; u dan għaliex l-assoċjazzjoni ma hijiex enti b'personalità ġuridika "a sè" (art. 166(2) ibidem);

Issa, f'dan il-każ, għalkemm Pitrè kien l-ewwel wieħed li kera dan il-garage, u għalkemm il-garage qiegħed jiġi użat għall-assoċjazzjoni, anzi kien deżinjat bħala s-sedi tal-assoċjazzjoni (ara patt nru. 2 skrittura fol. 5 tal-proċess l-ieħor), u *għalkemm fil-1946, saru riċevuti għan-nom ta'* Pisani u anki għan-nom ta' Pitrè (ara riċevuti eżibiti f'dan il-proċess fol. 11, 12, 13 u 14), eppure, mill-ewwel ta' Mejju 1947 (data li fiha *saret l-iskrittura* fuq imsemmija fol. 8 tal-proċess l-ieħor u fol. 100 ibidem), l-irċevuti saru f'isem Pisani (ara riċevuti fol. 8 u 9 ta' dan il-proċess), kif del resto wieħed kellu jistenna mill-patt numru 4 tal-iskrittura. Dan il-konvenut stess, Pisani, qal (fol. 25 tergo ta' dan il-proċess):— "Sid il-kera kien jaf lili"; u Antonio Cilia, bin l-awtur tal-attriċi, qal, fol. 38 tergo:— "Meta bil-kuntentizza ta' Pitrè missieri daħħal miegħu lill-konvenut, il-konvenut *qalli li minn dak inhar il-quddiem lilu nafu* għall-kera, u dejjem hu ħallas il-kera, u l-irċevuti dejjem saru b'ismu biss. Aħna aċċettajna li bħala inkwilin nirrikonoxxu lil Giuseppe Pisani; *u fil-fatt, kif ġa għidt,* l-irċevuti bdejt nagħmilhom f'isem Pisani". Kien għalhekk Pisani dak fost iż-żewġ assoċjati li, minn mindu saret l-assoċjazzjoni, deher vis-a-vis sid il-kera; u r-rapport ġuridiku, għalhekk, b'liġi, kien miegħu;

Konsegwentement ma hux sewwa l-argument tal-konvenut Pisani li hu mhux tenut "in testa propria";

Del resto, anki kieku wieħed kellu, "ex hypothesi", *jimmaġina lil Pisani bħala soċju ta' soċjetà "in nome collettivo"*, l-istess kien ikun tajjeb ċitat personalment;

Infatti, fil-kawża "Starkey ne. vs. Oscar Gollcher", ġie appuntu eċċepit li, peress li d-debitu kien tas-soċjetà, u mhux personali tal-konvenut, għalhekk l-attur ma setgħax jaġixxi kontra l-konvenut personalment qabel ma jaġixxi kontra s-soċjetà. Il-Qorti tal-Kummerċ, però, presjeduta mill-Imħallef Dr. Parnis, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Mejju 1912 (Vol. XXI-III-117), qalet hekk:— "Atteso che le società in nome collettivo costituiscono una perso-

na ġuridica distinta da quelle dei soci, aventi un patrimonio proprio e distinto da quello dei singoli soci, ma in tale società i soci si rendono personalmente e solidariamente colla società responsabili dei debiti sociali, di maniera che il creditore può direttamente agire contro il singolo socio nel nome proprio, salvo ogni diritto del socio così azionato contro la società o gli altri soci";

Jiġi, għalhekk, li l-konvenut Pisani kien biżżejjed għall-leġittimazzjoni passiva tal-azzjoni; u kwindi ma kienx hemm lok li jiġi kundannat is-sekwestratarju ġudizzjarju Dr. Gatt. Dan hu, skond il-ġurisprudenza interpretattiva tal-funzjonijiet tas-sekwestrarju, depożitarju u amministratur tal-oġġetti lilu fdati in kustodja (*Vol. XXVIII-II-508*); u kieku ġie ċitat hu biss, aktarx li ma kienx ikun hemm bżonn li jiġu ċitati Pisani jew Pitrè (Vol. XXII-II-165). Imma, ġa la darba ġie ċitat Pisani, u ġa la darba Pisani seta' jiġi leġittimament ċitat, allura ma kienx hemm lok li jiġi kundannat Dr. Gatt nomine. Molto più li l-attriċi kellha nteress u d-dritt li ma tillimitax id-drittijiet tagħha u tirrestrinġi l-eżekuzzjoni tas-sentenza għall-flus u oġġetti biss li kellu f'idejh Dr. Gatt nomine, imma li testendihom *għal fuq Pisani bir-responsabbiltà tiegħu personali;*

Kwantu għall-ispejjeż tas-sekwestratarju Dr. Gatt, il-kjamata in kawża tiegħu ma saretx biss fuq talba tal-konvenut, iżda anki, milli jidher, fuq dik tal-attriċi; għax fid-digriet relattiv jingħad li l-partijiet jaqblu eċċ. eċċ. Fl-istess ħin, ma jistgħax jiġi negat, speċjalment in vista tad-dispożittiv tas-sentenza fuq ċitata "Pisani vs. Pitrè, tat-28 ta' Awissu 1947, li Dr. Gatt nomine kellu nteress ikun f'din il-kawża, avvolja ma kienx hemm lok għall-kundanna tiegħu (ara "*Stepton vs. Spiteri*", App. Ċiv. Inf. XVI-I-147); u fil-fatt il-parteċipazzjoni tiegħu irrispondiet għall-iskopijiet indikati f'din is-sentenza ċitata, segwita fil-ġurisprudenza reċenzjori. Hu ġust, għalhekk, li l-ispejjeż tiegħu jiġu provvduti "uti infra";

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens li tikkundanna lill-konvenut Pisani li jħallas lill-attriċi s-somma mit-

luba, bl-ispejjeż fil-konfront tal-attriċi; u tillibera lil Dr. Gatt nomine mill-istanza, bl-ispejjeż bla taxxa, dritt tar-Reġistru ta' dan il-kap għaż-żewġ istanzi bin-nofs bejn il-konvenut u l-attriċi;

U b'dan il-mod ipprovdiet fuq iż-żewġ appelli prinċipali;

Salv kull dritt tal-konvenut Pisani, "si et quatenus", kontra l-assoċjat l-ieħor Pitrè, u salv id-dritt tal-attriċi għall-kera ulterjuri mill-ewwel ta' Novembru 1954 l-hawn.